**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ġimgħa, erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 72/2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***(Spettur Clayton Camilleri)***

***(Av. Martina Muscat)***

Vs

**David Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **David Galea**, ta' tnejn u erbgħin (42) sena, iben Alfred u Mary Galea xebba Gatt, imwieled il-Pieta',

Malta, nhar is-sebgħa (7) ta' Marzu 1982 u iddikjarat li jirrisjedi ġewwa 45, Doreen, Flat 1, Triq San Albert, Gżira Malta, detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 0163682(M) talli nhar l-għaxra (10) ta' Jannar 2025 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00) u/jew fis-sigħat ta' qabel, f'San Martin, Triq il-Wardija, San Pawl il-Baħar, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Peter Valinald Magnell f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Peter Valinald Magnell u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu, liema offiża ġabet waħda jew aktar mill-konsegwenzi imsemmija fl-Artikoli 216 tal-Kodiċi Kriminali;[1]

(2) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta lil Peter Valinald Magnell, jew, jekk kien ipprovokat, inġurjah b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.[2]

Il-Qorti ġiet umilment mitluba sabiex:

(a) *pendente lite* tħaddem l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-benefiċċju tal-vittma, u kemm-il darba tinstab ħtija fl-

---

[1] Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

imputat, tħaddem l-Artikoli *382A, 383, 384, 385 u 412D* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, sabiex tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, sabiex tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u/jew 28H f'każ li tingħata sentenza sospiża, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens lill-vittma.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjali Prosekuturi;

Rat li fis-seduta tal-lum, waqt li kien qed isir l-eżami tal-imputat a tenur tal-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-istess imputat reġa' ikkonsulta mal-legali tiegħu u wara li l-Qorti tatu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-imputat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-Parte Civile u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena fejn il-partijiet kollha issuġġerrew piena ta' sentejn (2) priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-għaxra (10) ta' Jannar 2025, l-imputat kien għaddej bil-vettura tiegħu CCM 079 minn ġewwa San Martin, il-Wardija. Hekk kif l-imputat kien għaddej bil-vann, il-parte civile ħareġ il-mobile u beda jirrikordja lill-imputat. Kif ra hekk, l-imputat waqqaf il-vettura tiegħu, ħareġ minnha u aggredixxa lill-istess parte civile u ikkaġunalu feriti ta' natura gravi. Bejn iż-żewġ partijiet kien hemm inċidenti oħra fil-ġranet ta' qabel. Fi kliem l-imputat, xi jumejn qabel il-parte civile waqt li kien għaddej bil-kelb tiegħu kien ipprovokah

billi il-parte civile qagħad jitfa' l-ġebel biex il-kelb tal-istess parte civile joqgħod jaqsam it-triq waqt li l-imputat jkun għaddej bil-vann tiegħu.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għalkemm l-imputat ammetta mal-ewwel opportunita li huwa kellu, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li riżultat ta' din l-aggressjoni il-parte civile spiċċa soffra feriti gravi fuq il-persuna tiegħu. Il-vjolenza m'hija qatt ġustifikata. Jekk l-imputat kien qed jiġi provokat jew kellu xi kwistjonijiet mal-istess parte civile, kien messu irrapporta dan il-fatt lill-Pulizija u mhux jattakka lill-istess parte civile.

Il-Qorti tqis li l-piena suġġerita mill-partijiet hija waħda li tirrifletti l-gravita tal-każ u ma tarax raġuni għalfejn m'għandhiex teroga l-piena suġġerita.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, **qiegħda issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha**

miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għal erba' (4) snin mil-lum.

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Peter Valinald Magnell. L-ordni qiegħda tiġi magħmula **għal żmien tlett (3) snin mil-lum** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni ta' trażżin u cioe li jekk jinstab ħati li kiser tali ordni huwa jista' jeħel multa ta' sebat elef ewro (€ 7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew it-tnejn li huma.

Il-Qorti tordna li a tenur tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali għandha tingħata aċċess għall-kopja skenjata

tal-atti flimkien ma' kopja skenjata tas-sentenza u dan fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**